# Dun Ġorġ Preca: X'għamel biex jgħallem

Albert Mangion

Nhar it-8 u 9 ta' Mejju kellna fostna l-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II li ġie fostna biex jiddikjara tlett Beati ġodda: Dun Ġorġ Preca, Nazju Falzon u Marija Adeodata Pisani.

Dun Ġorġ Preca twieled il-Belt Valletta nhar it-12 ta' Frar 1880. Hu kien is-seba' tifel f'familja ta' disa' ulied. Missieru, Vinċenz, għall-ewwel kien neguzjant u aktar tard spettur sanitarju. Ommu Natalina kienet għalliema. Meta kien għadu żgħir il-familja ġarret mill-Belt u marret toqgħod l-ewwel Birkirkara imbagħad il-Ħamrun. L-ewwel studji għamilhom fl-iskola tal-Gvern minn fejn imbagħad għadda għall-Liċeo. Kien f'dan iż-żmien li wieħed mill-għalliema tiegħu, Dun Ercole Monpalao għamillu profezija meta qallu, "Preca, int għad tikber u nies li jirrispettaw 'l Alla jidħlu f'familjarità miegħek u int magħhom. Int għad issib xortik permezz tagħhom u huma għad isibu xortihom permezz tiegħek."

Billi ħass li kien imsejjaħ għal qassis, mill-Liċeo huwa mar is-Seminarju fejn bħala student żagħżugħ wera kapaċità fl-istudju, speċjalment fil-Latin. Matul is-snin tal-formazzjoni tiegħu fis-seminarju, huwa kien iħobb jinżel ix-xatt u



hemm joqgħod jitkellem fuq Alla mal-baħrin li jkunu ġew Malta fuq vapuri tal-merkanzija. Sadanittant huwa beda jħoss ix-xewqa li jagħmel xi ħaġa biex jikber it-tagħlim tar-Reliġjon f'Malta li fil-bidu tas-seklu għoxrin kien ferm diżorganizzat. Imqanqal mill-kliem ta' San Pawl fit-Tieni ittra lil Timotju: "u dak li smajt minn għandi bix-xhieda ta' ħafna xhud għaddih lil nies fidili li għandhom ħila jgħallmu l-oħrajn" (2 Tim. 2:2) huwa beda jitħallat ma' xi żgħażagħ li kienu jinġemgħu jilagħbu l-ballun f'għalqa msejħa ta' Luċtu ħdejn il-Knisja tal-Ħamrun. Fost dawn kien hemm Ewġenju Borg li aktar tard kellu jsir l-Ewwel Superjur Ġenerali tas-Soċjetà. L-iskop ta' Dun Ġorġ kien primarjament li jgħallimhom biex imbagħad huma stess, minkejja li huma lajċi, jmorru jgħallmu lill-oħrajn, ħaġa tassew ġdida għal dak iż-żmien.

Wara li lesta d-djakonat u kien għoddu wasal biex jordna saċerdot, Dun Ġorġ marad serjament. Il-Professur Enrico Meli qata' qalbu minnu: b'pulmun niexef kif ser jgħix? Imma minkejja dan Dun Ġorġ irpilja u ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Pietru Pace fit-22 ta' Diċembru 1906. Dun Ġorġ jgħid li jaf il-fejqan tiegħu lil San Ġużepp.

Issa li kien sar qassis, iż-żgħażagħ li kien jiltaqa' magħhom u li kienu saru jħobbuh ħafna, ħasbu li issa ftit kien ser ikollu ħin biex joqgħod jgħallimhom. Però mhux hekk ħasibha Dun Ġorġ. Hu beda jmur jiltaqa' magħhom kuljum u jgħallimhom. Meta l-grupp beda jissaħħaħ Dun Ġorġ wera x-xewqa li jikri dar biex fiha jkun jista' jgħallem il-Kelma t'Alla. Din ix-xewqa ma damitx ma saret realtà għax fis-7 ta' Marzu 1907 krew l-ewwel dar f'numru 6 Triq Fra Diegu il-Ħamrun fejn bdew jiltaqgħu kull filgħaxija. Kien dan bidu żgħir ta' dik li fi ftit snin kellha tibda tissejjaħ bħala s-soċjetà tad-Duttrina Nisranija magħrufa fostna bħala Museum. Aktar tard Dun Ġorġ ħolom li jwaqqaf sezzjoni għax-xebbiet. Il-ħolma ta' Dun Ġorġ saret realtà meta f'Jannar 1910 bdiet is-sezzjoni femminili f'Raħal Ġdid permezz tax-xebba Ġannina Cutajar. Il-bidu kien diffiċli ħafna. Kotba bil-Malti kważi ma kinux jeżistu. Dun Ġorġ kien jikteb u jittraduċi bil-Malti u s-soċji jikkupjaw dak li jikteb Dun Ġorġ.

Naturalment dak li kien qed jagħmel Dun Ġorġ mhux kulħadd seta' jifmhu. Li l-lajċi jkollhom il-Bibbja f'idejhom u li jitgħallmu t-



Il-Qdusija Tiegħu il-Papa Ġwanni Pawlu II waqt mument ta' skiet quddiem xbieha tal-Beatu Ġorġ Preca fil-Kappella tal-Medalja Mirakuluża fil-Blata l-Bajda nhar il-Erbgħa, 9 ta' Mejju.

teoloġija biex imbagħad jgħallmuha lill-oħrajn kienu ħwejjeġ ġodda. Dan wassal biex fil-bidu tagħha s-soċjetà tgħaddi minn ħafna nkwiet. Tant kien hemm suspetti fuq is-Soċjetà li saħansitra fl-1914 fuq żewġ gazzetti ta' dak iż-żmien, 'Is-Salib' u 'Malta tagħna' kitbu kontra s-Soċjetà. Darba fil-bidu tas-Soċjetà l-Vigarju Ġenerali Monsinjur Salv Grech, fuq ordni ta' l-Isqof, bagħat għalih u ordnalu jagħlaq id-djar kollha. Din kienet aħbar iebsa għal Dun Ġorġ imma hu obda mill-ewwel. Però kienu diversi oħrajn li marru għand l-Isqof biex jiddefendu lil Dun Ġorġ. L-Isqof Pietru Pace bagħat għalih, u tah permess jiftaħ. Aktar tard saret inkjesta dwar is-Soċjetà biex jiġi studjat l-operat tagħha. Is-soċjetà mbagħad ġiet approvata uffiċjalment mill-Knisja b'digriet ta' l-istess Isqof Dom Mauro Caruana O.S.B. nhar it-12 ta' April 1932.

Dun Ġorġ ma kienx kuntent biss li waqqaf is-soċjetà tal-Museum, imma ddedika ħajtu kollha għat-tagħlim. Huwa għadda ħajtu jiġri minn post għall-ieħor, minn dar tal-Museum għall-oħra dejjem jgħallem. Għallem fi knejjes maħnuqa bin-nies, fuq iz-zuntieri tal-knejjes fil-pjazzez, fit-toroq, fid-djar privati, dejjem jiżra' l-Kelma ta' Alla, fost il-kbar u ż–żgħar bl-iskop li jressaqhom lejn Alla. Huwa xerred devozzjoni qawwija lejn is-sentenza Verbum Dei caro factum est (L-Iben t' Alla sar bniedem). Kien ukoll b'devozzjoni lejn dan il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni li beda l-purċissjoni ta' Ġesù Bambin lejliet il-Milied li saret l-ewwel darba fl-1921 fil-Ħamrun. Dun Ġorġ għallem ukoll bil-kitba. Hu kiteb 'il fuq minn 140 ktieb kif ukoll ħafna fuljetti żgħar li kien iqassam lill-membri u lill-poplu. Ħafna minn dax-xogħol sar fid-dawl tal-lampa tal-pitrolju. Imma l-aktar li għallem Dun Ġorġ kien bl-eżempju. In-nies kienet tirrikorri bi ħġarha biex tisimgħu għax fi kliemu kienet tara l-konvinzjoni personali tiegħu. Il-fama ta' qaddis li kellu kienet iċċaqlaq ħafna nies sabiex jersqu għandu, min biex jgħidlu jitlob għalih, min biex ibierku u min biex iqerr.

Fl-aħħar ftit żmien ta' ħajtu Dun Ġorġ mar joqgħod Santa Venera fejn miet nhar is-26 ta' Lulju tal-1962 fl-età ta' 82 sena.

## L-Oqsma tal-Museum fl-Imqabba

Bħall-irħula kollha ta' Malta, ir-raħal tagħna ukoll gawda mill-ħidma ta' Dun Ġorġ. Dan seħħ mhux biss permezz tal-konferenzi li hu ġie jagħmel fostna imma ukoll permezz taż–żewġ oqsma tal-Museum li twaqqfu, li għadna ngwadu l-ħidma tagħhom sal-lum.

Wara l-bidu fil-Ħamrun, bdew bil-mod il-mod jinfetħu djar tal-Museum f'diversi bnadi ta' Malta. Dun Ġorġ kien bla heda jdur il-Parroċċi jgħallem u jippriedka. Bħalu kienu jagħmlu s-soċji. Bil-mixi, bir-rota, jew fuq xi ħmar kienu jmorru fl-ibliet u fl-irħula jlaqqgħu irġiel u nisa, żgħażagħ u tfal, fl-hekk imsejħa "Qagħdiet" jew lezzjonijiet għan-nies.

Madwar sebgħin sena ilu, fl-Imqabba, dawn il-Qagħdat kienu jsiru l-Ħadd filgħodu fil-kappella ta' San Bażilju u Santa Katerina. Wara l-qagħda s-soċji li jiġu kienu jħajru xi żgħażagħ biex jissieħbu fis-soċjetà. Kien bis-saħħa t'hekk li Innocenzo Debattista, Indri Magro, Toni Zammit li aktar tard sar l-




ewwel Superjur u xi oħrajn tħajru u bdew jattendu regolarment.

Minkejja li kienu lanqas biss saru soċji, dawn l-irġiel f'April 1931, krew dar f'numru 11, Pjazza tal-knisja biex ikollhom il-laqgħat hemmhekk. Erba' xhur wara bidlu l-post għan-numru 9, Triq Santa Katerina. Imbagħad bil-għajnuna ta' tlett soċji mis-Siġġiewi, Nikola Schembri, Nikola Callus u Ġużeppi Cascun, bdew jgħallmu d-duttrina regolarment lis-subien tar-raħal. Kien is-7 ta' Novembru, 1932. Kien bidu diffiċli mimli sagrifiċċji.

Fil-5 ta' Marzu, 1933 l-ewwel grupp ta' subien mill-Museum għamlu l-Griżma ta' l-Isqof. Kienu 43 tifel minn 7 sa 13-il sena, u wieħed ta' 15-il sena. Fl-aħħar sitt xhur ta' 1933 id-duttrina bdiet tintgħallem fil-kappella ta' San Bażilju. Minn Jannar 1935, it-tagħlim tal-katekiżmu lis-subien beda jsir f'post akbar, f'numru 64, Triq San Bażilju (illum il-Museum tal-bniet). Fl-aħħar ħames snin tat-tletinijiet daħlu soċji Ġlormu Ghigo, Karmenu Mangion, u Paskal Xuereb. Fil-Milied tal-1939 saret il-purċissjoni bil-Bambin mar-raħal għall-ewwel darba. Fil-Milied 1940 sar soċju ż-żagħżugħ Louis Saban mill-Kalkara. Dan ġie l-Imqabba minħabba l-Gwerra. Malli nqabad bil-lieva marad u miet ta' 27 sena fit-13 ta' Ottubru, 1946. Fil-gwerra, it-tagħlim tal-Katekiżmu fil-Qasam tagħna kompla normali sakemm kienu jippermettu ċ-ċirkustanzi. Anki soċji nkorporaw f'dak iż-żmien. Ċensu Magri hu wieħed minnhom, sar soċju f'Ġunju 1941. Wara l-ħbit mill-ajru fuq l-Imqabba fl-1942, xi erba' familji sfaw bla dar u bdew jinqdew b'xi kmamar fil-post tal-Museum tagħna. B'hekk it-tfal kellhom jerġgħu jinġabru għat-tagħlim fil-Kappella ta' San Bażilju.

Lejn is-sena 1946 fost il-membri kibret ix-xewqa li jibnu qasam ġdid. F'Marzu 1947 akkwistaw biċċa art b'ċens u l-ewwel ġebla tqegħdet fit-8 ta' Ottubru 1950 mill-kappillan Dun Ġerald Mangion billi Dun Ġorġ innifsu ma setax ikun preżenti. Is-soċji stess bdew il-bini taħt it-tmexxija ta' l-imgħallem Paskal. Il-Museum il-ġdid tbierek fid-19 ta' Marzu 1956. Dak inhar it-tfal telgħu lejn il-post b'inkwatru kbir ta' San Ġużepp armat fuq bradella. Kienet okkażjoni ta' radd il-ħajr lil Alla u lil ħafna benefatturi. L-għada t-Tlieta, bdiet id-duttrina fil-qasam il-ġdid f'numru 10 Triq Santa Marija.


Il-qasam tal-M.U.S.E.U.M. fl-Imqabba waqt fażi ta' kostruzzjoni tas-sular ta' fuq fl-1979.

Matul is-snin barra t-tagħlim fil-qasam saru diversi Sajdiet Musewmini għan-nies tar-raħal. Dik li saret f'Lulju 1959 fil-pjazza ta' wara l-Knisja żgur li tibqa' magħrufa għax fiha anki ġie jippriedka Dun Ġorġ. In-nies ħarġet bi ħġarha biex tisimgħu u titolbu jbierek domni u ħelu.

Għal xi xhur fl-1956 u anke fl-1960 il-qasam ġie rekwiżizzjonat mill-Gvern biex matul il-ġurnata jintuża għal xi klassijiet ta' l-iskola. Fil-Milied 1960, Paskal Xuereb miet wara marda twila. F'Settembru 1968 il-qasam tilef soċju ieħor: Ġlormu Ghigo, li miet wara marda ta' ftit xhur. Imbagħad fit-13 ta'


Mark Garage

Auto Mechanic and Peugeot Parts

N/S in Valletta Rd., Żurrieq Tel: 689456, 09476370



Il-firma oriġinali tal-Beatu Ġorġ Preca meħuda mill-ktieb tal-viżitaturi meta żar il-qasam ta' l-Imqabba nhar il-15 ta' Novembru, 1951.

Settembru 1976 miet l-ewwel Superjur li kellu l-qasam, Toni Zammit.

Mas-snin sebgħin inħass il-bżonn ta' tkabbir tal-bini speċjalment ta' kappella. Il-bini tat-tieni sular inbeda fl-1 ta' Marzu 1979 u sa Settembru x-xogħol tal-ġebla u s-soqfa kien kollu lest. Bħal ma ġara qabel il-ġenerożità tas-sidien tal-barrieri u tan-nies ta' l-Imqabba ma naqsitx. Is-soċji mbagħad ħadmu sħiħ biex jitlesta t-tagħmir tas-sular. Issa l-Imqabba kellha Museum kbir u attrezzat sewwa għat-tagħlim nisrani ta' kulħadd. F'Mejju 1997 miet is-Superjur Karmenu Mangion fl-età ta' 90 sena li minnhom 60 għaddihom fil-Museum.

Fl-Imqabba ngawdu ukoll mill-ħidma tal-Qasam tal-Bniet. Dan fetaħ f'Mejju, 1932 taħt it-tmexxija ta' Tereża Ghigo fi żmien il-kappillan Dun Ġużepp Debono. Fl-ewwel snin tal-Qasam kienu jiġu jgħinu xi soċji minn Raħal Ġdid. Dawn kienu Mimi Galea, Carmela Camilleri u Lukarda Caruana. Ħafna drabi kienu jorqdu hawn minħabba d-diffikultà tat-trasport u jmorru lura filgħodu. Fil-bidu kienu jiltaqgħu fil-kappella ta' San Bażilju sakemm akkwistaw dar f'numru 30 Triq San Bażilju. Wara marru f'numru 9 Pjazza tal-Knisja u aktar tard f'numru 64 Triq San Bażilju fejn għadha ssir id-Duttrina sal-lum.

Ta' importanza kbira għall-Qasam kienet il-Vista Pastorali li saret minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi fis-6 ta' Ġunju 1948 meta l-Qasam kien għadu fil-post tal-Pjazza. Fl-istess post kienet saret il-konsagrazzjoni tal-Membri lill-Qalb ta' Ġesù fid-29 ta' Ġunju 1939.

Illum, bl-għajnuna t' Alla, l-appostolat għadu ħaj sew fl-Oqsma ta' l-Imqabba. Dil-ħidma tul medda ta' snin twettqet, u jekk Alla jrid tkompli, għall-Glorja t'Alla bit-tagħlim nisrani, u għall-ġid tal-poplu. Dan kien l-iskop tal-fundatur Dun Ġorġ: it-tixrid tal-kelma t'Alla b'kull mezz adattat u lil kulħadd. Nitolbu l-fundatur tagħna Dun Ġorġ biex ikompli jkattar il-ħeġġa nisranija u l-vokazzjonijiet fil-parroċċa tagħna.


**LENSES**

**MED LENS**
**OPTICAL CLINIC**



**Sunglasses by CORNING OPTICS**

**OPTICIANS**
**CONTACT LENSE SPECTACLES**

Large range of the very latest designer brands spectacle frames and sunglasses, full range of contact lenses including sterilising of all types of contact lense. Tinting and anti-reflective coatings. Special hard coating of plastic lenses to avoid scratching.

24 hour service on most prescription lenses including photochromatic lenses

So why not drop in or give us a call on

Sliema Road, Gzira GZR 04 Telephone 315730
55, New Street, Luqa LQA 02 Telephone 673238

**EYE SPECIALIST IN ATTENDANCE**